A.L. 310 tal-2008

ORDINANZA DWAR IL-PENSJONIJIET (KAP. 93)

Ordni tal-2008 dwar l-Impjieg mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8A tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza", il-President għamel l-Ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni tal-2008 dwar l-Impjieg mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

Tismija skond l-artikolu 8A tal-Ordinanza.

2. B'effett mit-30 ta' Ottubru, 1992, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed tiġi speċifikata bħala entità li magħha uffiċjal jew impjegat li jtemm is-servizz mal-Gvern ikun jista' jieħu impjieg tal-ħin kollu skond l-artikolu 8A tal-Ordinanza u għall-finijiet tiegħu.